

21.2.2024

A9-0020/ 001-039

**EMENDI 001-039**

mill-Kumitat għall-Affarijiet Legali

**Rapport**

**Tiemo Wölken**

**A9-0020/2024**

Iċ-ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari unitarju għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti

Proposta għal regolament (COM(2023)0221 – C9-0152/2023 – 2023/0126(COD))

---

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 2a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**(2a) Dik is-sitwazzjoni twassal għal nuqqas ta' protezzjoni li jippenalizza r-riċerka fil-protezzjoni tal-pjanti u l-kompetittività tas-settur.**

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 17**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(17) Waħda mill-kundizzjonijiet għall-għoti ta' ċertifikat jenħtieġ li tkun li l-prodott **irid kun** protett mill-privattiva bażika, fis-sens li l-prodott jenħtieġ li jaqa' fl-ambitu ta' dikjarazzjoni waħda jew aktar ta' dik il-privattiva, kif interpretat mill-persuna kkwalfikata fl-arti **bid-deskrizzjoni** tal-privattiva fid-data tal-

(17) Waħda mill-kundizzjonijiet għall-għoti ta' ċertifikat jenħtieġ li tkun li l-prodott **jenħtieġ li jkun** protett mill-privattiva bażika, fis-sens li l-prodott jenħtieġ li jaqa' fl-ambitu ta' dikjarazzjoni waħda jew aktar ta' dik il-privattiva, kif interpretat mill-persuna kkwalfikata fl-arti **fid-dawl tad-deskrizzjoni u l-istampi** tal-

preżentazzjoni tagħha. Jenħtieġ li dan ma jirrikjedix neċessarjament li s-sustanza attiva tal-prodott **jiġi identifikat** b'mod espliċitu **fid-dikjarazzjonijiet**. Jew, fil-każ ta' preparazzjoni, jenħtieġ li dan **mhux** neċessarjament **jirrikjedi** li kull waħda mis-sustanzi attivi tiegħu **tiġi** identifikata **b'mod espliċitu fid-dikjarazzjonijiet**, sakemm kull **waħda minnhom tkun** speċifikament identifikabbli fid-dawl tal-informazzjoni kollha **divulgata** minn dik il-privattiva.

privattiva, **abbażi tal-għarfien ġenerali ta' dik il-persuna fil-qasam rilevanti u tal-arti minn qabel** fid-data tal-preżentazzjoni tagħha **jew fid-data ta' prijorità tal-privattiva bażika**. Jenħtieġ li dan ma jirrikjedix neċessarjament li s-sustanza attiva tal-prodott **tiġi identifikata** b'mod espliċitu **fil-pretensjonijiet** jew, fil-każ ta' preparazzjoni, jenħtieġ li dan **ma jirrikjedix** neċessarjament li kull waħda mis-sustanzi attivi tiegħu **tkun espliċitament** identifikata **fil-pretensjonijiet**, sakemm kull **sustanza attiva tkun** speċifikament identifikabbli fid-dawl tal-informazzjoni kollha **żvelata** minn dik il-privattiva **abbażi tal-istat tat-teknika fid-data tal-preżentazzjoni jew id-data ta' prijorità tal-privattiva bażika**.

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Premessa 18

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(18) Sabiex tiġi evitata protezzjoni żejda, jenħtieġ li jiġi pprovdut li, fi Stat Membru wieħed, mhux aktar minn ċertifikat wieħed, kemm jekk nazzjonali kif ukoll jekk unitarju, jista' jipproteġi l-istess prodott. Għalhekk, jenħtieġ li jkun meħtieġ li l-prodott, jew kwalunkwe derivattiv bħal **imluħa**, esteri, eteri, isomeri, taħlitiet ta' isomeri, jew kumplessi, ekwivalenti għall-prodott minn **lenti** fitosanitarja, jenħtieġ li ma **jkunux** diġà **għew soġġetti għal** ċertifikat **minn qabel, waħdu jew flimkien ma' ingredjent attiv addizzjonali wieħed jew aktar**, kemm jekk għall-istess **indikazzjoni terapewtika kif ukoll** jekk għal **wieħed** differenti.

##### *Emenda*

(18) Sabiex tiġi evitata protezzjoni żejda, jenħtieġ li jiġi pprovdut li, fi Stat Membru wieħed, mhux aktar minn ċertifikat wieħed, kemm jekk nazzjonali kif ukoll jekk unitarju, jista' jipproteġi l-istess prodott. Għalhekk jenħtieġ li jkun meħtieġ li l-prodott, jew kwalunkwe derivattiv bħal **imlieh**, esteri, eteri, isomeri, taħlitiet ta' isomeri, jew kumplessi, ekwivalenti għall-prodott minn **perspettiva** fitosanitarja, jenħtieġ li ma **jkunx** diġà **s-suġġett ta'** ċertifikat **preċedenti**, kemm jekk għall-istess **applikazzjoni u kemm** jekk għal **waħda** differenti.

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament Premessa 25

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(25) L-eżami ta' applikazzjoni għal ċertifikat unitarju jenħtieġ li jitwettaq, taħt is-supervizzjoni tal-Uffiċċju, minn bord tal-eżami li jinkludi membru wieħed tal-Uffiċċju kif ukoll żewġ eżaminaturi impjegati mill-uffiċċji nazzjonali tal-privattivi. Dan jiżgura li jsir ***l-aħjar*** użu mill-għarfien espert fi kwistjonijiet ta' ċertifikati ta' protezzjoni supplimentari, li ***llum*** jinsabu fl-uffiċċji nazzjonali biss. Sabiex tiġi żgurata ***l-aħjar*** kwalità tal-eżami, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji xierqa fir-rigward tal-parteċipazzjoni ta' eżaminaturi speċifiċi fil-proċedura, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwalifiki u l-kunflitti ta' interess.

### *Emenda*

(25) L-eżami ta' applikazzjoni għal ċertifikat unitarju jenħtieġ li jitwettaq, taħt is-supervizzjoni tal-Uffiċċju, minn bord tal-eżami li jinkludi membru wieħed tal-Uffiċċju kif ukoll żewġ eżaminaturi impjegati mill-uffiċċji nazzjonali tal-privattivi. Dan jiżgura li jsir użu ***ottimali*** mill-għarfien espert fi kwistjonijiet ta' ċertifikati ta' protezzjoni supplimentari ***u ta' privattivi relatati***, li ***attwalment*** jinsabu fl-uffiċċji nazzjonali biss. Sabiex tiġi żgurata kwalità ***ottimali*** tal-eżami, ***l-Uffiċċju u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jenħtieġ li jiżguraw li eżaminaturi nnominati jkollhom l-għarfien espert rilevanti u esperjenza suffiċjenti fil-valutazzjoni ta' ċertifikati ta' protezzjoni supplimentari***. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji xierqa ***addizzjonali*** fir-rigward tal-parteċipazzjoni ta' eżaminaturi speċifiċi fil-proċedura, b'mod partikolari fir-rigward tal-kwalifiki u l-kunflitti ta' interess.

## **Emenda 5**

### **Proposta għal regolament Premessa 28**

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(28) Wara t-tlestija tal-eżami ta' applikazzjoni għal ċertifikat unitarju, u wara li jkunu skadew il-limiti ta' żmien għall-appell u l-oppożizzjoni, jew, jekk ikun il-każ, wara li tkun inħarġet deċiżjoni finali dwar il-merti, l-Uffiċċju jenħtieġ li jimplimenta l-opinjoni ta' eżami billi jagħti ċertifikat unitarju jew jirrifjuta l-applikazzjoni, kif applikabbli.

### *Emenda*

(28) Wara t-tlestija tal-eżami ta' applikazzjoni għal ċertifikat unitarju, u wara li jkunu skadew il-limiti ta' żmien għall-appell u l-oppożizzjoni, jew, jekk ikun il-każ, wara li tkun inħarġet deċiżjoni finali dwar il-merti, l-Uffiċċju jenħtieġ li jimplimenta ***mingħajr dewmien żejjed*** l-opinjoni ta' eżami billi jagħti ċertifikat unitarju jew jirrifjuta l-applikazzjoni, kif applikabbli.

## **Emenda 6**

## Proposta għal regolament

### Premessa 29

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(29) Meta l-applikant jew parti oħra tkun affettwata b'mod *avvers* minn deċiżjoni tal-Uffiċċju, l-applikant jew dik il-parti jenħtieġ li jkollhom id-dritt, soġġett għal tariffa, li jippreżentaw appell kontra d-deċiżjoni *fi żmien xahrejn*, quddiem Bord tal-Appell tal-Uffiċċju. Dan japplika wkoll għall-opinjoni ta' eżami, li tista' tiġi appellata mill-applikant. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell, min-naħa tagħhom, ikunu soġġetti għal azzjonijiet quddiem il-Qorti Ġenerali, li għandha ġurisdizzjoni biex tannulla jew tbiddel id-deċiżjoni kkontestata. Fil-każ ta' applikazzjoni kkombinata li tinkludi l-ħatra ta' Stati Membri addizzjonali bil-ħsieb tal-ġoti ta' ċertifikati nazzjonali, jista' jiġi ppreżentat appell komuni.

#### Emenda 7

## Proposta għal regolament

### Premessa 30

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(30) Meta jinħatru membri tal-Bordijiet tal-Appell fi kwistjonijiet li jirrigwardaw applikazzjonijiet għal ċertifikati unitarji, jenħtieġ li *titqies l-esperjenza* preċedenti tagħhom fiċ-ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari jew fi kwistjonijiet ta' privattivi.

#### Emenda 8

## Proposta għal regolament

### Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13a (ġdid)

#### *Emenda*

(29) *Biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet proċedurali u tiġi żgurata sistema kompluta ta' rimedji*, meta l-applikant jew parti oħra tkun affettwata b'mod *negattiv* minn deċiżjoni tal-Uffiċċju, l-applikant jew dik il-parti jenħtieġ li jkollhom id-dritt, soġġett għal tariffa, li *fi żmien xahrejn* jippreżentaw appell kontra d-deċiżjoni, quddiem Bord tal-Appell tal-Uffiċċju. Dan japplika wkoll għall-opinjoni ta' eżami, li tista' tiġi appellata mill-applikant. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Appell, min-naħa tagħhom, ikunu soġġetti għal azzjonijiet quddiem il-Qorti Ġenerali, li għandha ġurisdizzjoni biex tannulla jew tbiddel id-deċiżjoni kkontestata. Fil-każ ta' applikazzjoni kkombinata li tinkludi l-ħatra ta' Stati Membri addizzjonali bil-ħsieb tal-ġoti ta' ċertifikati nazzjonali, jista' jiġi ppreżentat appell komuni.

#### *Emenda*

(30) Meta jinħatru membri tal-Bordijiet tal-Appell fi kwistjonijiet li jirrigwardaw applikazzjonijiet għal ċertifikati unitarji, jenħtieġ li *jitqiesu l-għarfien esperti rilevanti, l-indipendenza u biżżejjed esperjenza* preċedenti tagħhom fiċ-ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari jew fi kwistjonijiet ta' privattivi.

***(13a) “ekonomikament marbuta” tfisser, fir-rigward ta’ detenturi differenti ta’ żewġ privattivi bażiċi jew aktar li jipproteġu l-istess prodott, li detentur wieħed, b’mod dirett jew indirett permezz ta’ intermedjarju wieħed jew aktar, jikkontrolla, ikun ikkontrollat minn jew ikun taħt kontroll komuni ma’ detentur ieħor.***

## **Emenda 9**

### **Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(b) tkun ingħatat awtorizzazzjoni valida biex il-prodott jitqiegħed fis-suq bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009;

(b) tkun ingħatat awtorizzazzjoni valida biex il-prodott jitqiegħed fis-suq bħala prodott għall-protezzjoni tal-pjanti f’konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 ***f’tal-inqas wieħed mill-Istati Membri li fih dik il-privattiva bażika jkollha effett unitarju;***

## **Emenda 10**

### **Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Fejn ikun hemm pendenti żewġ applikazzjonijiet għal ċertifikati jew aktar, kemm jekk nazzjonali kif ukoll jekk ċentralizzati, jew applikazzjonijiet għal ċertifikati unitarji, li jikkonċernaw l-istess prodott u li jiġu ppreżentati minn żewġ detenturi jew aktar ta’ privattivi differenti għal Stat Membru partikolari, ċertifikat wieħed jew ċertifikat unitarju għal dak il-prodott jista’ jingħata lil kull wieħed minn dawk id-detenturi, meta ma jkunux marbuta ekonomikament, minn awtorità

Fejn ikun hemm pendenti żewġ applikazzjonijiet għal ċertifikati jew aktar, kemm jekk nazzjonali kif ukoll jekk ċentralizzati, jew applikazzjonijiet għal ċertifikati unitarji, li jikkonċernaw l-istess prodott u li jiġu ppreżentati minn żewġ detenturi jew aktar ta’ privattivi differenti għal Stat Membru partikolari, ċertifikat wieħed jew ċertifikat unitarju għal dak il-prodott jista’ jingħata lil kull wieħed minn dawk id-detenturi, meta ma jkunux marbuta ekonomikament, minn awtorità

nazzjonali kompetenti jew mill-Uffiċċju, kif applikabbli.

nazzjonali kompetenti jew mill-Uffiċċju, kif applikabbli. ***L-istess prinċipju għandu japplika mutatis mutandis għall-applikazzjonijiet sottomessi mid-detentur li jikkonċernaw l-istess prodott li għalih ċertifikat wieħed jew aktar jew ċertifikat unitarju wieħed jew aktar ikunu ngħataw qabel lil detenturi differenti oħra ta' privattivi differenti.***

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Artikolu 9 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(ca) meta applikabbli, il-kunsens tal-parti terza msemmi fl-Artikolu 6(2) ta' dan ir-Regolament.***

## Emenda 12

### Proposta għal regolament Artikolu 12 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

Jekk l-applikazzjoni għal ċertifikat unitarju tikkonforma mal-Artikolu 11(1), l-Uffiċċju għandu jippubblika l-applikazzjoni fir-Reġistru.

Jekk l-applikazzjoni għal ċertifikat unitarju tikkonforma mal-Artikolu 11(1), l-Uffiċċju għandu jippubblika l-applikazzjoni fir-Reġistru ***mingħajr dewmien żejjed.***

## Emenda 13

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragraph 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. L-Uffiċċju għandu jivvaluta l-applikazzjoni abbażi tal-kundizzjonijiet kollha fl-Artikolu **3(1)**, għall-Istati Membri kollha li fihom il-privattiva bażika jkollha effett unitarju.

1. L-Uffiċċju għandu jivvaluta l-applikazzjoni abbażi tal-kundizzjonijiet kollha fl-Artikolu **3** għall-Istati Membri kollha li fihom il-privattiva bażika jkollha effett unitarju.

## Emenda 14

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Meta l-applikazzjoni għal ċertifikat unitarju u l-prodott li miegħu tkun relatata jikkonformaw **mal-Artikolu 3(1)** għal kull wieħed mill-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1, l-Uffiċċju għandu joħroġ opinjoni motivata ta' eżami pożittiva fir-rigward tal-għoti ta' ċertifikat unitarju. L-Uffiċċju għandu jinnotifika dik l-opinjoni lill-applikant.

#### *Emenda*

2. Meta l-applikazzjoni għal ċertifikat unitarju u l-prodott li miegħu tkun relatata jikkonformaw **mal-Artikoli 3 u 6(2)** għal kull wieħed mill-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1, l-Uffiċċju għandu joħroġ opinjoni motivata ta' eżami pożittiva fir-rigward tal-għoti ta' ċertifikat unitarju. L-Uffiċċju għandu jinnotifika dik l-opinjoni lill-applikant ***u jipubblikaha fir-Reġistru mingħajr dewmien żejjed.***

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Artikolu 13 – paragrafu 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Meta l-applikazzjoni għal ċertifikat unitarju u l-prodott li miegħu tkun relatata ma jikkonformawx **mal-Artikolu 3(1)** fir-rigward ta' wieħed jew aktar minn daww l-Istati Membri, l-Uffiċċju għandu joħroġ opinjoni motivata ta' eżami negattiva dwar l-għoti ta' ċertifikat unitarju. L-Uffiċċju għandu jinnotifika dik l-opinjoni lill-applikant.

#### *Emenda*

3. Meta l-applikazzjoni għal ċertifikat unitarju u l-prodott li miegħu tkun relatata ma jikkonformawx **mal-Artikoli 3 u 6(2)** fir-rigward ta' wieħed jew aktar minn daww l-Istati Membri, l-Uffiċċju għandu joħroġ opinjoni motivata ta' eżami negattiva dwar l-għoti ta' ċertifikat unitarju. L-Uffiċċju għandu jinnotifika dik l-opinjoni lill-applikant ***u jipubblikaha fir-Reġistru mingħajr dewmien żejjed.***

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***(ca) kwalunkwe evidenza li l-avversarju joqgħod fuqha biex jappoġġa l-***

*oppożizzjoni.*

## Emenda 17

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

6. Jekk il-bord ta' oppożizzjoni jinnota li l-avviż ta' oppożizzjoni ma jikkonformax mal-paragrafi 2, 3 jew 4, huwa għandu jirrifjuta l-oppożizzjoni bħala inammissibbli, u jikkomunika **dan** lill-opponent, sakemm dawn in-nuqqasijiet ma jkunux ġew irrimedjati qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' preżentazzjoni tal-oppożizzjoni msemmi fil-paragrafu 1.

*Emenda*

6. Jekk il-bord ta' oppożizzjoni jinnota li l-avviż ta' oppożizzjoni ma jikkonformax mal-paragrafi 2, 3 jew 4, huwa għandu jirrifjuta l-oppożizzjoni bħala inammissibbli, u jikkomunika **d-deċiżjoni tiegħu kif ukoll ir-raġunament għal din id-deċiżjoni** lill-opponent, sakemm dawn in-nuqqasijiet ma jkunux ġew irrimedjati qabel l-iskadenza tal-perjodu ta' preżentazzjoni tal-oppożizzjoni msemmi fil-paragrafu 1.

## Emenda 18

### Proposta għal regolament Artikolu 15 - paragrafu 9a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**9a. F'każijiet meta jkunu ġew ippreżentati diversi oppożizzjonijiet kontra opinjoni ta' eżami, l-Uffiċċju għandu jittratta l-oppożizzjonijiet b'mod konġunt u joħroġ deċiżjoni unika fir-rigward tal-oppożizzjonijiet kollha ppreżentati.**

## Emenda 19

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 10

*Test propost mill-Kummissjoni*

10. L-Uffiċċju għandu joħroġ deċiżjoni dwar l-oppożizzjoni fi żmien **6** xhur, sakemm il-kumplessità tal-każ ma tkunx

*Emenda*

10. L-Uffiċċju għandu joħroġ deċiżjoni dwar l-oppożizzjoni, **inkluż raġunament dettaljat għal dik id-deċiżjoni**, fi żmien **sitt** xhur, sakemm il-kumplessità tal-każ ma



*teħtieġ* perjodu itwal.

tkunx *tirrikjedi* perjodu itwal.

## Emenda 20

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 11

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

11. Jekk il-bord tal-oppożizzjoni jqis li *l-ebda raġuni għall-oppożizzjoni* ma *tippreġudika ż-żamma tal-opinjoni tal-eżami*, huwa għandu jirrifjuta l-oppożizzjoni, u l-Uffiċċju għandu jsemmi dan fir-Reġistru.

#### *Emenda*

11. Jekk il-bord tal-oppożizzjoni jqis li *ż-żamma tal-opinjoni ta' eżami* ma *hija preġudikata minn ebda raġuni għall-oppożizzjoni*, huwa għandu jirrifjuta l-oppożizzjoni, *jinnotifika lill-avversarju bid-deċiżjoni tiegħu*, u l-Uffiċċju għandu jsemmi dan fir-Reġistru.

## Emenda 21

### Proposta għal regolament Artikolu 15 – paragrafu 12a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

**12a. Għandha tiġi żgurata trasparenza sħiħa matul il-proċediment kollu tal-oppożizzjoni, li għandu jkun miġtuħ, kull meta jkun possibbli, għall-parteciċipazzjoni pubblika.**

## Emenda 22

### Proposta għal regolament Artikolu 16 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

1. Fuq talba magħmula lill-Uffiċċju, kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti tista' tiġi maħtura mill-Uffiċċju bħala uffiċċju parteċipanti fil-proċedura ta' eżami. Ladarba awtorità nazzjonali kompetenti tiġi maħtura f'konformità ma' dan l-Artikolu, dik l-awtorità għandha taħtar eżaminatur wieħed jew aktar biex ikunu involuti fl-eżami ta' applikazzjoni

1. Fuq talba magħmula lill-Uffiċċju, kwalunkwe awtorità nazzjonali kompetenti tista' tiġi maħtura mill-Uffiċċju bħala uffiċċju parteċipanti fil-proċedura ta' eżami. Ladarba awtorità nazzjonali kompetenti tiġi maħtura f'konformità ma' dan l-Artikolu, dik l-awtorità għandha taħtar eżaminatur wieħed jew aktar biex ikunu involuti fl-eżami ta' applikazzjoni

waħda jew aktar għal ċertifikati unitarji.

waħda jew aktar għal ċertifikati unitarji  
***abbażi ta' għarfien espert rilevanti u  
biżżejjed esperjenza meħtieġa għall-  
proċedura ta' eżami ċentralizzata.***

### Emenda 23

#### **Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 3 – punt a**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) ***bilanċ ġeografiku fost l-uffiċċji  
parteċipanti;***

*Emenda*

(a) ***għarfien espert rilevanti u  
esperjenza suffiċjenti fl-eżami ta'  
privattivi u ċertifikati ta' protezzjoni  
supplimentari, li jiżguraw, b'mod  
partikolari, li mill-inqas eżaminatur  
wieħed ikollu minimu ta' ħames snin  
esperjenza fl-eżami ta' privattivi u  
ċertifikati ta' protezzjoni supplimentari;***

### Emenda 24

#### **Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 3 – punt aa (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(aa) ***meta possibbli, bilanċ ġeografiku  
fost l-uffiċċji parteċipanti;***

*Emenda*

### Emenda 25

#### **Proposta għal regolament Artikolu 17 – paragrafu 3 – punt c**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(c) ***mhux aktar minn eżaminatur wieħed  
impjegat minn awtorità nazzjonali  
kompetenti li jagħmel użu mill-eżenzjoni  
stabbilita fl-Artikolu 10(5) tar-Regolament  
[COM(2023) 223].***

*Emenda*

(c) ***li m'hemm l-ebda eżaminatur  
impjegat minn awtorità nazzjonali  
kompetenti li jagħmel użu mill-eżenzjoni  
stabbilita fl-Artikolu 10(5) tar-Regolament  
[COM(2023) 231].***

## Emenda 26

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1 – parti introduttorja

*Test propost mill-Kummissjoni*

Wara l-perjodu li matulu appell jew oppożizzjoni jistgħu jiġu ppreżentati jkun skada mingħajr ma jiġi ppreżentat appell jew oppożizzjoni, jew wara li tkun inħarġet deċiżjoni finali dwar il-merti, l-Uffiċċju għandu jieħu waħda mid-deċiżjonijiet li ġejjin:

*Emenda*

Wara l-perjodu li matulu appell jew oppożizzjoni jistgħu jiġu ppreżentati jkun skada mingħajr ma jiġi ppreżentat appell jew oppożizzjoni, jew wara li tkun inħarġet deċiżjoni finali dwar il-merti, l-Uffiċċju għandu jieħu waħda mid-deċiżjonijiet li ġejjin, **mingħajr dewmien żejjed**.

## Emenda 27

### Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***L-Uffiċċju għandu jinforma lill-applikant dwar id-deċiżjoni tiegħu mingħajr dewmien żejjed.***

## Emenda 28

### Proposta għal regolament Artikolu 21 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(a) iċ-ċertifikat ***jkun*** ingħata għall-kuntrarju ***tal-Artikolu 3***;

(a) iċ-ċertifikat ***ikun*** ingħata għall-kuntrarju ***tal-Artikoli 3 u 6(2)***;

## Emenda 29

### Proposta għal regolament Artikolu 22 – paragrafu 12

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

12. ***Ċertifikat*** unitarju għandu jitqies li ma kellux, sa mill-bidu tiegħu, l-effetti speċifikati f'dan ir-Regolament, ***sa fejn u***

12. ***Sa fejn u sakemm ikun ġie ddikjarat invalidu, iċ-ċertifikat*** unitarju għandu jitqies li ma kellux, sa mill-bidu tiegħu, l-

*sakemm ikun ġie ddikjarat invalidu.*

effetti speċifikati f' dan ir-Regolament.

### Emenda 30

#### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-avviż ta' appell għandu jiġi ppreżentat bil-miktub lill-Uffiċċju fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni. L-avviż għandu jitqies li ġie ppreżentat biss meta tkun tħallset it-tariffa għall-appell. Fil-każ ta' appell, **għandha tiġi ppreżentata** dikjarazzjoni bil-miktub li tistabbilixxi r-raġunijiet tal-appell fi żmien 4 xhur mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni.

##### *Emenda*

3. L-avviż ta' appell għandu jiġi ppreżentat bil-miktub lill-Uffiċċju fi żmien xahrejn mid-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni. L-avviż għandu jitqies li ġie ppreżentat biss meta tkun tħallset it-tariffa għall-appell. Fil-każ ta' appell, dikjarazzjoni bil-miktub li tistabbilixxi r-raġunijiet tal-appell, **inkluża l-evidenza li tappoġġa dawn ir-raġunijiet, għandha tiġi ppreżentata** fi żmien **tliet** xhur mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni.

***Kwalunkwe tweġiba għad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-appell għandha tiġi ppreżentata bil-miktub mhux aktar tard minn tliet xhur mid-data tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-appell. L-Uffiċċju għandu, fejn applikabbli, jiffissa data għall-proċedimenti orali fi żmien tliet xhur mill-preżentazzjoni tat-tweġiba jew fi żmien sitt xhur wara l-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-appell, skont liema jiġi l-ewwel. L-Uffiċċju għandu joħroġ deċiżjoni bil-miktub fi żmien tliet xhur mid-data tas-smiġħ orali jew tal-preżentazzjoni tat-tweġiba għad-dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-appell, kif applikabbli.***

### Emenda 31

#### Proposta għal regolament Artikolu 26 – paragrafu 5

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

5. Meta appell jirriżulta f' deċiżjoni li

##### *Emenda*

5. Meta appell jirriżulta f' deċiżjoni li

ma tkunx konformi mal-opinjoni ta' eżami, id-deċiżjoni tal-Bordijiet *tista'* tannulla jew tbiddel l-opinjoni.

ma tkunx konformi mal-opinjoni ta' eżami, id-deċiżjoni tal-Bordijiet *għandha* tannulla jew tbiddel l-opinjoni.

## Emenda 32

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

4. Il-membri tal-Bordijiet tal-Appell fi kwistjonijiet li jirrigwardaw ċertifikati unitarji għandhom jinħatru f'konformità mal-Artikolu 166(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001.

#### *Emenda*

4. Il-membri tal-Bordijiet tal-Appell fi kwistjonijiet li jirrigwardaw ċertifikati unitarji għandhom jinħatru f'konformità mal-Artikolu 166(5) tar-Regolament (UE) 2017/1001. *Meta jinħatru membri tal-Bordijiet tal-Appell fi kwistjonijiet li jikkonċernaw applikazzjonijiet għal ċertifikati unitarji, għandha tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-esperjenza preċedenti tagħhom fi kwistjonijiet li jikkonċernaw iċ-ċertifikati ta' protezzjoni supplimentari jew il-liġi dwar il-privattivi.*

## Emenda 33

### Proposta għal regolament Artikolu 27 – paragrafu 4a (ġdid)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

*4a. L-Artikolu 166(9) tar-Regolament (UE) Nru 2017/1001 għandu japplika għall-Bordijiet tal-Appell fi kwistjonijiet rigward iċ-ċertifikati unitarji.*

## Emenda 34

### Proposta għal regolament Artikolu 32 – paragrafu 1

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

1. Il-komunikazzjonijiet indirizzati lill-Uffiċċju *jistgħu jsiru* b'mezzi elettroniċi. Id-Direttur Eżekuttiv għandu jiddetermina

1. Il-komunikazzjonijiet indirizzati lill-Uffiċċju *għandhom isiru* b'mezzi elettroniċi. Id-Direttur Eżekuttiv għandu

sa fejn u taħt liema kundizzjonijiet tekniċi daww il-komunikazzjonijiet **jistgħu** jiġu ppreżentati elettronikament.

jiddetermina sa fejn u taħt liema kundizzjonijiet tekniċi daww il-komunikazzjonijiet **għandhom** jiġu ppreżentati elettronikament.

### Emenda 35

#### Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt i

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(i) id-data u **s-sommarju tal-opinjoni** tal-eżami tal-Uffiċċju fir-rigward ta' kull wieħed mill-Istati Membri li fihom il-privattiva bażika għandha effett unitarju;

##### *Emenda*

(i) id-data u **l-opinjoni** tal-eżami tal-Uffiċċju fir-rigward ta' kull wieħed mill-Istati Membri li fihom il-privattiva bażika għandha effett unitarju;

### Emenda 36

#### Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt k

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(k) fejn applikabbli, il-preżentazzjoni ta' oppożizzjoni, u l-eżitu tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni, inkluż, fejn applikabbli, sommarju tal-opinjoni ta' eżami riveduta;

##### *Emenda*

(k) fejn applikabbli, il-preżentazzjoni ta' oppożizzjoni, **l-istatus tagħha** u l-eżitu tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni, inkluż, fejn applikabbli, sommarju tal-opinjoni ta' eżami riveduta;

### Emenda 37

#### Proposta għal regolament Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt l

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(l) fejn applikabbli, il-preżentazzjoni ta' appell, u l-eżitu tal-proċedimenti ta' appell, inkluż, fejn applikabbli, sommarju tal-opinjoni ta' eżami riveduta;

##### *Emenda*

(l) fejn applikabbli, il-preżentazzjoni ta' appell, **l-istatus tiegħu** u l-eżitu tal-proċedimenti ta' appell, inkluż, fejn applikabbli, sommarju tal-opinjoni ta' eżami riveduta;

### Emenda 38

**Proposta għal regolament  
Artikolu 40 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. Jekk l-Uffiċċju jew il-bord rilevanti jqis li huwa meħtieġ li xi parti, xhud jew espert jagħtu x-xhieda tagħhom bil-fomm, huwa jista' joħroġ taħrika għall-persuna inkwistjoni sabiex din tidher quddiemu. Il-perjodu ta' notifika pprovdut f'din it-taħrika għandu jkun tal-inqas ta' xahar, sakemm ma jaqblux fuq perjodu iqsar.

*Emenda*

3. Jekk l-Uffiċċju jew il-bord rilevanti jqis li huwa meħtieġ li xi parti, xhud jew espert jagħtu x-xhieda tagħhom bil-fomm, huwa jista' joħroġ taħrika għall-persuna inkwistjoni sabiex din tidher quddiemu. ***Meta espert jiġi mħarrek, l-Uffiċċju jew il-bord rilevanti, skont il-każ, għandu jivverifika li dak l-espert ikun ħieles minn kwalunkwe kunflitt ta' interess.*** Il-perjodu ta' notifika pprovdut f'din it-taħrika għandu jkun tal-inqas ta' xahar, sakemm ma jaqblux fuq perjodu iqsar.

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 51 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Sa ~~xxxxxx~~ ***[OP]*** jekk jogħġbok daħħal: Ħames (5) snin wara d-data tal-applikazzjoni], u kull 5 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Emenda*

Sa ... ***[ĠU]*** jekk jogħġbok daħħal: Ħames (5) snin wara d-data tal-applikazzjoni], u kull 5 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament ***u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Bħala parti minn dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-fattibbiltà u l-benefiċċji tal-istabbiliment ta' proċedura ċentrali ta' awtorizzazzjoni għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti taħt l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel.***